MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tat-30 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 88/2011

**A [B A] C f' isimha proprju**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku,**

**u D C u E F li gie kjamat in kawza b'digriet**

**tal-10 ta' Jannar 2012, l-iben minuri G H C,**

**b'digriet tal-24 ta' Mejju 2013 u b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014**

**l-Avukat Joseph Ellis u l-Prokuratur Legali Jean D Busuttil**

**gew mahtura bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw**

**lill-minuri G H C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li jaqra kif gej:-

"Illi l-esponenti kienet izzewget lil D C nhar id-19 ta' Dicembru 1997, li tul dan iz-zwieg twieldu tlitt itfal u cioe Angelica illi twliedet nhar is-16 ta' Settembru 1998, u li llum ghandha tnax-il sena, Rushayeal li twieldet nhar it-13 ta' Settembru 2001 u li llum ghandha disa' snin u G H li twieled nhar il-21 ta' Novembru 2007 u li llum ghandu tliet snin;

Illi l-esponenti prezentement ghaddejja minn proceduri ghal separazzjoni personali minn ma' zewgha D C;

Illi dan l-ahhar gie skopert illi D Ga!ea, mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri G H C, u dana stante rizultati ghat test tad-DNA fuq il-minuri;

Illi l-esponenti fid-dawl tas-suespost tixtieq illi zewgha D C ma jibqax dikjarat bhala l-missier tal-minuri G H C fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu.

Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna illi jsiru t-testijiet tad-DNA taghha. ta' zewgha D C u tal-minuri G H C sabiex jigi kkonfermat illi D C mhuwiex il-missier bijologiku tal-minuri;

2. Tiddikjara li l-minuri G H C huwa bin missier mhux maghruf;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-estratt tat-twelid tal-minuri G H C li jgib in-Numru 3896 tas-sena 2007 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi jigu sostitwiti l-kliem 'D C' bil-kliem 'unknown father';

4. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega fl-estratt tat-twelid tal-minuri G H C li jgib in-Numru 3896 tas-sena 2007 mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fis-sens illi l-minuri jigi kunjom xbubit l-esponent u cioe Massa."

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. “Illi preliminarjament ghallinqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega li permezz taghha A (B A) C giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri G H C skont id-dettami tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jirrileva li, din l-azzjoni, stante l-fatt li ghaddew iktar minn sitt xhur mit-twelid tal-minuri G H C, kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-artikolu 77C tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tal-minuri G H, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal-procediment tal-azzjoni odjerna.

3. Illi dejjem in vena preliminari, l-esponent jirrileva li, fuq il-mertu b'mod partikolari dwar il-paternita tal-minuri G H C, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha involuti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi madankollu minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jehtiegilha illi tipprova l-impossibillta fizika tal-kongungiment bejnha u bejn zewgha D C u dan tul il-perijodu li tispecifika l-Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi fl-istess waqt ir-rikorrenti trid ukoll teghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement turi li l-pussess ta’ stat tal-minuri G H C ma jaqbilx mal-att tat-twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 3896 tas-sena 2007;

6. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, f'kaz li jigu superati t-tieni u t-tielet eccezzjoni fuq imsemmija, l-esponenti xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri G H C, li r-rikorrenti tispecifika min huwa l-isem ezatt tal-allegat missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni tal-Artikolu 149 tal-Kodici Civili. Di fatti huwa opportun li jekk il-minuri ha jitlef l-istat ta' iben imwieled u mnissel fiz-zwieg talanqas ghandu jkun jaf min huwa l-missier naturali tieghu;

7. Illi subordinatament dejjem bla hsara ghal dak fuq imsemmi, f'kaz li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem D C, senjatement taht il-kolonna u r-ringiela fejn hemm indikati t-taghrif dwar 1-omm u ta' min ghamel id-dikjarazzjoni, ghandhom jigu kkancellati mill-Art tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 3896 tas-sena 2007;

8. Illi finalment dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u ghaldaqstant huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni."

Rat li l-konvenut D C ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Permezz tal-kawza odjerna l-attrici, omm il-minuri G H, imwieled meta hija kienet mizzewga lill-konvenut D C, qed titlob li jigi dikjarat l-istess konvenut D C ma hux missier l-imsemmi minuri.

B'digriet moghti fl-10 ta' Jannar 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta gie kjamat in kawza E F li l-konvenut jallega li huwa il-missier naturali tal-minuri G H. Fil-kors tal-kawza l-konvenut D C talab li l-kjamat in kawza jigi kostrett jissottometta ruhu ghat-test tad-DNA.

B'digriet tas-26 ta' Marzu 2015 din il-Qorti cahdet it-talba ta' D C sabiex il-kjamat in kawza jigi ordnat jissottometti ruhu ghat-test tad-DNA ghar-raguniji illi l-kawza odjerna hija wahda ta' denegata paternita".

Ikkunsidrat;

Fl-ewwel eccezzjoni tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku jeccepixxi illi ghalkemm l-attrici intavolat il-kawza f'isimha proprju "u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri G H C" hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni rikjesta bl-artikoli 782 u 783 tal-Kap. 12.

Il-mertu ta' din l-eccezzjoni llum huwa superat peress illi b'digriet tal-24 ta' Mejju 2013 il-Qorti ordnat korrezzjoni fl-okkju fis-sens illi isem il-minuri gie kancellat bhala attur u minflok tnizzel bhala konvenut rapprezentat mill-kuraturi deputati nominati b'digriet tal-1 ta' Lulju 2014.

Fit-tieni eccezzjoni tieghu id-Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa l-irritwalita' tal-azzjoni promossa mill-attrici stante li l-kawza giet intavolata aktar minn sitt xhur wara li l-minuri twieled u ghalhekk kien mehtieg li qabel tigi istitwita l-kawza l-attrici tottjeni l-awtorizzazjoni tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 77C tal-Kap. 16.

Ikkunsidrat;

L-**Artikolu 77C tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi:

"Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 77, 77 A u 77 B il-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ, jew il-mara skont il-każ, jistgħu jipproċedu b'kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità jekk huma jressqu r-rikors ġuramentat tagħhom fi żmien sitt xhur mit-twelid tat-tifel:

Iżda l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tista', wara li jsir rikors mill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż- żwieġ jew mill-mara u, jekk ikun possibli wara li tkun semgħet lill-partijiet interessati kollha, u wara li tkun qieset id-drittijiet tar-rikorrenti u tat-tifel, <u>f'kull żmien</u> tawtorizza lill-persuna li tgħid li hija l-missier tat-tifel imwieled fiż-żwieġ jew lill-mara <u>biex jibdew kawża għal dikjarazzjoni ta' paternità kif imsemmi fl-artikoli 77A u 77 B</u>:……."

L-**Artikoli 77A u 77B** gew introdotti fil-Kodici Civili bl-Att XXIII tas-sena 2010 u jipporvdu kif gej:-

“**77A.** Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-missier naturali ta’ tifel mwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled it-tifel, jista’ jmexxi b’rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-mara, ir-raġel u t-tifel, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-missier naturali tat-tifel u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxilu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel il-mara kienet wettqet adulterju miegħu u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jeskludu lir-raġel tagħha bħala l-missier naturali tat-tifel. Talba tista’ tiġi eżerċitata wkoll mill-mara.”

**77B**. It-talba ġudizzjarja għad-dikjarazzjoni ta’ paternità kif imsemmija fl-artikolu ta’ qabel dan tista’ wkoll tiġi eżerċitata mill-mara permezz ta’ rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra r-raġel tagħha, il-missier naturali u t-tifel tagħha imwieled fiż-żwieġ jekk kemm-il darba hija tipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel hija kienet wettqet adulterju ma’ dik il-persuna li qegħda tintalab li tiġi ddikjarata bħala l-missier naturali tat-tifel u barra minn hekk tipprova xi fatt ieħor li jista’ wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x’aktarx jindikaw lil dik il-persuna bħala l-missier naturali tat-tifel”

Fil-fehma tal-Qorti l-kawza odjerna mhiex imsejsa la fuq l-Artikolu 77A u lanqas fuq l-Artikolu 77B. Permezz tal-kawza odjerna l-attrici ma hiex qed titlob li jigi dikjarat min hu l-missier naturali tal-minuri minflok zewgha izda qed titlob biss li t-tifel jigi dikjarat fuq ic-certifikat tat-twelid tieghu bhala li ghandu “missier mhux maghruf”.

Isegwi ghalhekk illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 77** tal-Kap 16 li jipprovdi illi:-

“Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, il-filjazzjoni ta’ tifel imwieled matul iż-żwieġ **tista’ tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess**:

(a) jekk jipprova illi, fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tat-tifel, irraġel kien fl-impossibilità fiżika li jgħammar ma’ martu minħabba f’li kien bogħod minnha jew minħabba f’xi aċċident ieħor; jew

(b) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi l-mara kienet wettqet adulterju u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lir-raġel bħala l-missier naturali tat-tifel."

Il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-vertenza u tasal ghall-konkluzzjoni illi l-azzjoni attrici timmerita li tigi respinta ghar-ragunijiet segwenti:-

1. L-attrici naqset milli tottempera ruhha mal-Artikolu 77C tal-Kap. 16 qabel intavolat il-kawza odjerna. Il-kawza giet istitwita meta l-minuri kellu gia' tlett snin. L-attrici ma kellha l-ebda dritt illi tintavola din il-kawza minghajr qabel ma tottjeni l-awtorizzazzjoni tal-Qorti bil-mezz preskritt. Ezaminati l-provvidementi legali rilevanti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni illi l-hsieb tal-Legislatur kien li l-istat ta' tifel imwieled fiz-zwieg ma jigiex facilment skussat u rovexxjat. Huwa ghal din ir-raguni illi l-Legislatur stipula illi kawzi bhal dik odjerna ma jistghux jigu intavolati jekk qabel ma tintalabx u ma tinghatax l-awtorizzazzjoni tal-Qorti. L-attrici naqset milli titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti qabel intavolat il-kawza bil-konsegwenza illi l-azzjoni attrici hija irritwali. Bla pregudizzju ghal dak premess il-Qorti taghmel is-segwenti deliberazzjonijiet.

2. L-attrici intavolat il-kawza ai termini tal-Artikolu 77. Tali azzjoni tista' biss tigi intavolata "minn min ghandu interess". Fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni attrici tfalli wkoll anke fir-rigward ta' din il-konsiderazzjoni. X'interess ghandha omm li binha jispicca b'certifikat tat-twelid jiddikjara "missier mhux maghruf". Mill-atti irrizulta illi ir-ragel tal-attrici, il-konvenut C, sa issa ma ha l-ebda azzjoni ta' "denegata paternita'". Jirrizulta wkoll li f'xi zmien kien anke lest illi nonostante r-rizultanzi tad-DNA jahfer lill-attrici sabiex isalva iz-zwieg taghhom. F'sitwazzjoni fejn ir-ragel ta' omm it-tarbija ma jiehu l-ebda azzjoni sabiex jitnehha mic-certifikat tat-twelid bhala l-missier, jonqos fl-attrici l-interess guridiku li titlob dikjarazzjoni gudizzjarja li fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri jigi kancellat zewgha u minflok jitnizzlu l-kliem "missier mhux maghruf". Huwa evidenti illi jekk il-missier mhux maghruf ghal hafna, pero' ghall-istess attrici huwa certament maghruf jew ta' lanqas ghandha indikazzjonijiet cari min possibilment hu. Kien ghalhekk miftuh ghall-attrici illi wara li tottjeni l-awtorizzazzjoni mehtiega tipprocedi bis-sahha tal-Artikolu 77B tal-Kap. 16 sabiex tottjeni dikjarazzjoni gudizzjarja illi missier it-tarbija ma hux zewgha izda ragel iehor. Tali azzjoni hija espressament permessa mill-Kodici Civili. Altrimenti f'azzjoni ta' denegata paternita' intavolata mill-omm jehtieg li wara li tkun ottjeniet l-awtorizzazzjoni 'a procedere', mankanti fil-kawza odjerna, tipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-interess guridiku li jista' jkollha sabiex binha jispicca b'certifikat tat-twelid b'"missier mhux maghruf".

Kundanna din li t-tifel ikun irid igorrha ghal ghomru kollu bil-konsegwenzi negativi kollha taghha.

Il-konjugi C ghandhom zewg ulied komuni li twieldu qabel it-tifel mertu ta’ dawn il-proceduri. Fil-premessi li jifformaw l-att promotur, l-attrici tiddikjara illi istitwit l-azzjoni attrici ghaliex “tixtieq illi zewgha D C ma jibqax dikjarat bhala l-missier tal-minuri”. Ma ssemmi l-ebda beneficcju li l-akkoljiment tat-talba attrici jista’ jmur fid-direzzjoni tal-minuri ma taghti l-ebda hjiel x’inhu l-interess guridiku taghha li taghmel it-talba in dezamina.

Ghalhekk anke ghal din ir-raguni l-azzjoni attrici tfalli peress li fil-fehma tal-Qorti l-attrici, **qua omm il-minuri**, m’ghandiex l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tifel taghha <u>jitnehha isem zewgha u minflok jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf</u>”.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi, taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku u ai termini tal-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tiddikjara l-azzjoni attrici irritwali u nulla peress li l-attrici naqset milli, qabel intavolat il-kawza odjerna, tottjeni l-awtorizzazzjoni rikjesta bl-Artikolu 77C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti u lill-kjamat in kawza mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------